Minuti tal-Laqgħa Nru. 16 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal-Farruġ fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 26 ta' Jannar 2012 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | il-Membri |
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Martin Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Skużat | Is-Sur. Raymond Ellul |
| Assenti | Is-Sur. Gejtu Calleja |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

- Qari tal-minuti tal-laqgħa ta qabel
- Punti mqajjma mill-minuti
- Xogħolijiet
- Korrispondenza
- Egħluq il-laqgħa

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.0 Il-minuti inqraw u ġew ikkonfermati.

## 2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sur. Saliba semma li dwar ir-rotta X4 kienet ħarġet korrispondenza min naħa tal-Arriva li din ma tieqafx min naħa ta fejn hemm Qormi Road.

## 3. XOGĦOLIJIET

3.1 Is-Sur. Borg reġa tkellem fuq il-bankina li hemm fejn l-Express Trailers u fakkar biex meta jkun hemm opportunita din isir.

3.2 Is-Sur. Saliba semma wkoll xi bankini oħra li hemm Ħal Farruġ u li dawn jeħtieġ jsiru. Fosthom hemm bankini fi Triq id-Daqquqa Kaħla u fejn il-Kappella. Huwa semma biex dawn il-bankini jsiru wkoll flimkien mal-bankina li ssemmiet qabel.

3.3 Is-Segretarju semma li huwa kien tkellem ma tal-IPSL u l-persuna responsabli tal-proġetti qaltlu li jista jgħaddi lista ta xogħolijiet lilu u jintbagħat grupp tal-IPSL biex jagħmel dan ix-xogħol. Is-Segretarju qal ukoll li jekk hemm xogħol ieħor li jista jsir min naħa tal-IPSL jagħtuh lista tiegħu biex dan jgħaddi mal-bqija tax-xogħolijiet.

3.4 Is-Sur. Saliba saqsa meta se ssir tabella fil-bandli biex ma jsirux bardeques. Is-Sur. Saliba semma wkoll li hemm bżonn isir tabella biex ma jidħlux vetturi fejn hemm il-Housing Estate. Is-Segretarju semma li huwa kellu tabelli u se jkun qed jibgħat il-ħaddiema biex dawn jagħmluhom mill-aktar fiss.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Is-Sur. Saliba tkellem rigward it-tabella biex il-karozzi jipprakjaw bl-exhaust pipe il-barra. Huwa qal li fuq din m' hemmx backing min naħa tal-liġi biex isir. Min naħa l-oħra s-Sur. Borg semma li saqsa lil xi Awtoritajiet tat-traffiku fejn infurmawh li din tista tiġi infurżata bħalikieku kienet liġi oħra tat-traffiku peress li din tkun saret min Awtorita bħalma huwa l-Kunsill.

4.2 Is-Segretarju semma li huwa wkoll staqsa lil Awtoritajiet tat-TM fejn dawn infurmawh li din it-tabella m' għandix legal backing, imma l-Kunsill jista jagħmel talba biex din tiġi infurżata u ssir. Wara li kien hemm diskussjoni bejn il-membri tal-Kumitat Amministrattiv, kien deċiż biex l-ewwel jiġu mwissija r-residenti ta' quddiem il-flats dwar it-tabella. Jekk dawn jibqgħu ma josservawx ir-regolamenti se jkun hemm bżonn tal-infurzar.

4.3 Is-Segretarju tkellem fuq il-progress tal-bandli. Huwa qal li kien hemm korrispondenza min naħa tac-Chairman fejn informa li kien hemm reviżjoni tal-permit fees u anki komunikazzjoni bil-miktub li dawn ġew eventwalment imnaqqsa. Huwa informa wkoll li se jsiru emendi fil-pjanta tal-proġett propost peress li hemm ċans li il-permit fees jistgħu jkomplu jitnaqqsu. Is-Segretarju semma wkoll li fil-ġimgħat li ġejjin se jinħarġu t-tenders fuq dan il-proġett.

4.4 Is-Segretarju semma li dwar it-tender tar-resurfacing li kien ħareġ biex isir Triq id-Daqquqa Kaħla u Triq Wied in-Noqor. Huwas qal li kien hemm offerta waħda li kienet dik tal-Asfaltar u li diġa tressqet Kunsill. Huwa qal li diġa qed isiru l-preparamenti dwar dawn.

4.5 Is-Sur. Borg saqsa jekk fuq l-Iskema tal-Housing hux se jsiru il-komun tal-Binjiet. Is-Segretarju irrisponda li l-Awtorita tad-Djar se tkun qed tgħaddi l-flus biex jiġi irranġat il-komun din is-sena stess.

4.6 Is-Sur. Gatt semma li fi Triq San Vinċenż hemm xi bozoz li huma maqtugħin sabiex jiġu rraportati.

4.7 Is-Sur. Borg reġa fakkar fuq il-passaġġ li jagħti għal Triq Wied in-Noqor sabiex dan jiġi paved. Is-Sur. Saliba li fuq dan il-passaġġ jista jingħata l-konkos u jitjieb.

4.8 Is-Sur. Saliba semma biex isir tindif fejn hemm il-flats tal-Housing. Titnaddaf il-funtana u jsir dak kollu neċessarju ħalli jsir wkoll id-dawl fejn hemm ir-residenzi. Is-Sur. Saliba ssuġġerrixxa biex inkellmu l-perita tal-Housing dwar il-proġett sabiex jiġi rranġat wieħed mit-taraġ li jinsab fil-Housing bejn il-parti ta fuq u dik t' isfel.

4.9 Is-Sur. Gatt saqsa jekk tistax isir xi ħaġa rigward il-klieb u l-ġrieden li qed ikun hemm. Is-Sur. Saliba semma li huma kien diġa tkellmu mal-Awtoritajiet li nfurmawhom li huma ma setgħux jiġbru klieb mitluqin. Dwar il-ġrieden jista jintefa' l-velenu.

4.10 Is-Sur. Saliba li fit-Triq fejn joqgħod is-Sur. Ellul hemm tappiera li bħalissa qiegħda tħabbat sabiex din tiġi rranġata.

4.11 Is-Sur. Saliba semma li hemm bżonn li jsir patching fi Triq il-Biedja.

4.12 Is-Sur. Saliba li hemm bżonn li jsiru sleeping policemen fi Triq Wied in-Noqor kif ukoll fi Triq il-Kwartieri Ġenerali.

**Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar Il-Ħamis 26 ta' Jannar 2012 fis-6.30 p.m.**

.

Konfermati llum _______________________ 2012.

_______________________
Raymond Saliba
Chairperson

_______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv